# Kunsill Lokali L-GĦASRI Local Council

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Għasri

### Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 47

Il-Ġimgħa 25 ta' Novembru, 2016

Il-Kunsill Lokali L-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-6.30 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sur Ruben Cassar - Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 47.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

**47.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m’hemmx ittri ta’ apoloġiji

## 47.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-46

**47.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 47.3 Punti mqajma mill-Minuti

**47.3.01** Ma kienx hemm punti diskussi mill-laqgħa preċedenti u għalhekk il-laqgħa kompliet skond l-Aġenda.

## 47.4 Korrispondenza

**47.4.01** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 35/2016 – Inizjattiva Finanzjarja – Stronger Communities: Literacy Projects at Local Level.

**47.4.02** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 36/2016 – Templates tal-Aġenda u l-Minuti.

**47.4.03** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 37/2016 – Meta Kunsill Lokali jonqos milli jwettaq xi funzjoni.

**47.4.04** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 38/2016 – Fondi Pubbliċi minfuqa għal finanzjament ta’ Għaqdiet.

**47.4.05** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 39/2016 – Seminar dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-Sena Finanzjarja 2017 – nhar is-Sibt 12 ta’ Novembru 2017.

**47.4.06** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 40/2016 – Kodiċi ta’ Etika.

**47.4.07** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 41/2016 – Rimunerazzjoni tal-Kenniesa tat-Toroq f’Kuntratti ma’ Kunsilli Lokali.

**47.4.08** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 42/2016 – Inizjttiva ta’ Taħriġ dwar il-proċċess ta’ akkwist (procurement).

**47.4.09** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 43/2016 – Allokazzjoni Finanzjarja għal 2017.

**47.4.10** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 44/2016 – Seminar dwar Xandir Soċjali (Social Media), l-użu tal-Wi-fi u Taħriġ dwar opportunitajiet ta’ Fondi mill-Programm ‘Europe for Citizens’.

**47.4.11** Dipartiment għall-Gvern Lokali – Direttiva 5/2016 – Direttivi dwar Donazzjonijiet.

**47.4.12** Laurie Zammit mill-Koperattiva Indafa Pubblika (KIP Gozo Ltd) talab lill-Kunsill sabiex meta jkunu qed isiru xogħlijiet f'toroq u jingħalaq aċċess għall-istess toroq il-Kumpanija tiegħu għandha tiġi infurmata sabiex is-servizz ikun jista' jibqa' jingħata bla xkiel. Huwa ippropona ukoll li meta triq ma tkunx aċċessibbli għal żmien temporanju jitpoġġew bins on wheels u b'hekk ir-residenti jarmu l-iskart f'dawn il-bins. Din tkun fuq bażi temporanja sakemm jerġa' jinfetaħ l-aċċess ta' dik it-triq partikolari.

**47.4.13** Joe Micallef Stafrace informa lill-Kunsill li fil-website (tal-Kunsill) m'hemmx informazzjoni dwar Patri Alfons M. Camilleri OFM u għalhekk issuġġerixxa li ninkludu informazzjoni dwar dan il-persunaġġ. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lil Toni Calleja sabiex jgħaddilna informazzjoni dwar Patri Alfons M. Camilleri u anke personaġġi oħra u ninkluduhom fil-website tal-Kunsill.

**47.4.14** L-Awtorita tal-Ippjanar infurmat lill-Kunsill dwar l-ordni ta' skedar ta' Proprjeta fil-lokalita ta' L-Għasri. Proprjeta li qed tiġi skedata hija fejn hemm il-Muxrabiji.

**47.4.15** Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun għal Għawdex informa lill-Kunsill dwar email u anke laqgħat li saru mal-Gozo College Middle School sabiex jiġi organizzat Proġett Kreattiv bil-Kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Kull Kunsill huwa mitlub sabiex isib persuna u jitfassal Historic Trail tal-Lokalita biex ifisser lill-istudenti s-siti storiċi li jinsabu fil-lokalita. Il-Kunsill qabel li nieħdu sehem f'din l-inizjattiva. L-ispejjeż involuti ser ikun trasport għat-tfal mill-iskola lejn l-Għasri u lura. Il-Kunsill qabel ukoll li jinnomina lil Lino Xerri sabiex jieħu ħsieb din l-inizzjattiva.

**47.4.16** Il-Kunsill irċieva diversi korrispondenza dwar l-iskema ta' Impjieg Inklussiv fil-Kommunita'. Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa m'għandnix spazju fl-uffiċċju u ma hemmx bżonn ta' aktar ħaddiema fl-uffiċċju tal-Kunsill u għalhekk il-Kunsill għandu jirtira minn din l-iskema.

## 47.5 Attivitajiet għal żmien il-Milied

**47.5.01** Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati fi żmien il-Milied. Il-librara Marvic Attard Briffa qed taħdem sabiex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu jiġu organizzati.

Għal darb'oħra l-Kunsill se jilqa' lill-E.T. Marie Louise Coleiro Preca President ta' Malta fl-okkażjoni tal-Istrina fejn jinġabru fondi b'risq il-Malta Community Chest Fund. Is-Sindku qal li pubblikament jixtieq jirringrazzja lill-Kumitat tal-Festa li ħadmu b'mod volontarju sabiex jarmaw is-siġra l-kbira tal-pjazza għall-żmien il-Milied. Il-President ta' Malta se tonorana billi tixgħel u tinawgura s-siġra dekorata bi dwal tal-Milied. Is-Sindku f'isem il-Kunsill se jippreżenta is-somma ta' flus miġbura għall-Istrina (Malta Community Chest Fund).

**47.5.02** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Superjur tal-Museum Tonio Saliba talab lill-Kunsill sabiex jibgħat Gwardjan Lokali sabiex imexxi t-traffiku waqt li tkun qed issir il-purċissjoni tal-bambin. Il-Kunsill qabel li għandna niprovdu gwardjan lokali jew uffiċċjal ta' Transport Malta.

## 47.6 Rapporti

**47.6.01** Ir-Rapport Annwali Amministrattiv għall-2015 kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

**47.6.02** Ir-Rapporti Finanzjarji ta' Kull Kwart għal April sa Ġunju 2016 u għal Lulju sa Settembru 2016 kienu tqassmu lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dawn ir-rapporti.

## 47.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**47.7.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-047 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 47.8 Materja oħra

**47.8.01** Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Pubblika għanda issir nhar it-Tlieta 20 ta' Diċembru 2016 fis-6.30pm.

**47.8.02** Paul Sultana mix-Xagħra u li għandu post fi Triq il-Fanal talab sabiex isiru sinjali sofor mal-post tiegħu peress li qed jipparkjaw karozzi u hu ma jkunx jista' jidħol u joħroġ mill-garaxx. Il-Kunsill qabel li naplikaw ma' Transport Malta biex jekk jiġu approvati isiru s-sinjali sofor kif rikjest.

**47.8.03** Alan Buttiġieġ mix-Xagħra u li qed jirranġa post fi Triq il-Knsija informa lill-Kunsill li l-bankina ta' dan il-post tinsab fi stat ħażin u għalhekk talab li jingħata l-materjal ta' madum u kurduna u jirranġa l-bankina huwa stess. Il-Kunsill qabel li nagħtuh il-materjal li għandu bżonn.

**47.8.04** Il-Kunsillier Joseph Farrugia informa lill-Kunsill li residenti li joqgħodu fl-inħawi ta' Sqaq San Publiju qed jitolbu sabiex issir hanger fejn jiddendlu l-boroż tal-iskart. Huma talbu ukoll li l-iskart jibda jinġabar minn wara l-bieb u mhux joħorġuh fi Triq Għammar. Il-Kunsill qabel li għandna navżaw lill-kuntrattur sabiex l-iskart jinġabar minn wara kull bieb. Il-Kunsill qabel ukoll li peress li hemm diversi postijiet li jinkrew u għalhekk ikun hemm turisti li ma jkunux jafu l-iskeda ta' ġbir ta' skart għandu jsir ukoll l-hanger sabiex l-iskart jiddendel fil-boroż u b'hekk ma jkunx jintlaħaq mill-klieb u qtates bil-konsegwenza li ħafna skart jispiċċa mifrux fit-triq.

## 47.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

**47.9.01** Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 20 ta' Diċembru 2016 fis-6.30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 20 ta' Diċembru, 2016

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Ruben Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv |